# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 3053

**Kaz Numru 4160/CC**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Nazreen Aslam (K.I. 0255963A)**

**u**

**Air Charter Scotland Europe Limited (C 95235)**

***dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta***

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 26 ta' Frar, 2025**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Nazreen Aslam fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-21 ta' Marzu 2023 fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellanti kienet gustifikata.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tmien (8) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Nazreen Aslam li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assistenza tal-Avv. Kristina Friggieri.

Air Charter Scotland Europe Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-socjeta' ntimata kienet rapprezentata u assistita mill-Avv. Ruth Ellul u mill-Avv.Andrew Borg Cardona.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet impjegata mas-socjeta' ntimata fuq bazi *full-time* taht kuntratt indefinit bhala *Sales Manager Europe & Base Manager Malta* u dan sa mill-1 ta' Marzu 2021. Fl-1 ta' Lulju 2022 hija nghatat il-grad ta' *General Manager & Sales Manager* Malta.

L-impjieg tal-Appellanti gie fi tmiemu fl-24 ta' Jannar 2023.

**Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Derek Thompson** permezz ta' affidavit qal li huwa kien parti mill-intrigu li l-Appellanti tinġieb mall-kumpanija peress li kien jaf is-*sales background* taghha u li hija kienet tghix f'Malta dak iz-zmien u huma kienu riedu jingaġġaw *Sales Manager* bażat f'Malta li seta' jiehu hsieb l-ufficcju f'Malta.
Ix-xhud stqarr li fil-bidu l-Appellanti kienet eċċellenti u diliġenti f'xogholha, iżda wara ftit xhur beda jiġi nnutat ambjent ta' tensjoni fis-*Sales Dept.*, u aktar tensjoni fl-operat fejn dan kien qed ikollu effett barra mix-xoghol u fil-kuntatti mall-klijenti. Huwa kompla li xi whud mill-impjegati telqu mill-impjieg fejn b'dispjacir stqarrew lil Nazreen u l-komportament taghha bhala raġunijiet ghal fejn telqu mill-impjieg.
Ix-xhud kompla li huwa assista ghal xi okkazjonijiet fejn l-Appellanti kkomportat ruhha b'mod mhux xieraq u maledukat ma' klijenti li poġġa lill-kumpanija taht pressjoni fejn xi klijenti rrifjutaw li jibbukkjaw maghhom peress li ma riedux ikollhom x'jaqsmu ma' Nazreen.
Huwa qal li kien kellem lill-Appellanti dwar dan fuq bażi regolari iżda hija dejjem kienet tghid li dan kien tort tal-klijenti.
Ix-xhud qal li ġenwinament ihoss li l-Appellanti nghatat l-opportunita' u l-hin sabiex tibni haġa vera tajba f'Malta iżda n-nies ma xtaqux jahdmu maghha minhabba l-komportament muri minna lejhom.
Huwa kompla li huwa flimkien ma' Helen Mackie kien ha sehem fl-laqgha ta' medjazzjoni maghha sabiex ikunu riżolti d-differenzi iżda sfortunatament kien

gie konkluż li jkun fl-interess tal-kumpanija li hija ma tkunx parti mill-futur tal-kumpanija. Huwa sostna li l-Appellanti kienet indikatlu telefonikament li kienet lesta li titlaq.

Ix-xhud qal li huwa jokkupa l-kariga ta' *Manager* mall-kumpanija fejn qal li jaf lill-Appellanti li kienet impjegata bhala *General Manager* bejn Marzu 2021 sa Frar 2023, fejn hija kienet tirrapporta lilu. Huwa ddeskriva lill-Appellanti bhala persuna motivata u energetika hafna. Ix-xhud qal li fis-*Sales dept.*, normalment kien ikun hemm 4 persuni inkluża l-Appellanti.
Meta huwa rrefera ghal ċertu mumenti ta' tensjonijiet f'dan id-dipartiment huwa ta xi eżempji u qal li filwaqt illi ġieli widdibha verbalment qatt ma nhargu *written warnings*.
Dwar ċertu preokkupazzjonijiet li l-Appellanti kienet infurmatu bihom fosthom li hija kienet thossha mhux rispettata mill-kollegi taghha, x-xhud qal li dawn gew indirizzati mall-persuni ndikati iżda r-rispons minghandhom ma kienx jirrelata ma' dak li kienet qalet hi. Huwa sostna li sal-lum ghadu ma jafx eżattament x'kien qed jippreokkupa lill-Appellanti. Huwa qal li dwar dan kien sar *mitigation meeting* f'Jannar 2023 fejn gew diskussi l-*issues* imqajjma mill-Appellanti u suġġetti ohra ta' nteress, fosthom li hija tkun rilokata gewwa Glasgow. Huwa qal li kien ha noti ta' x'kien intqal f'dik il-laqgha iżda mhux ċert jekk dawn ġewx mghoddija lill-Appellanti.
Dwar il-fatt illi l-Appellanti l-ewwel kienet infurmatha li kienet ser tkun issensjata (*redundant*) imbghad wara ġiet mgharrfa li l-impjieg taghha kien ser jiġi mitmum minhabba raġunijiet ohra, x-xhud qal li dan sehh wara kuntatti li ghamlu mas-segretarja tal-kumpanija Dr. Katrina Abela peress li huma ma kienux konsapevoli tal-legislazzjoni Maltija f'dan ir-rigward.

**Jasmine Purewal** qalet li hija *Finance Director* Air Charter Scotland Europe u permezz ta' affidavit fejn anke pprezentat diversi dokumenti, bdiet billi qalet li l-Appellanti kienet ġiet impjegata peress li l-persuna li kienet fil-posizzjoni ta' *Sales Manager* kienet ser tkun fuq *maternity leave*. Hija qalet li l-Appellanti kienet intrigata mis-*sales* fejn kellha tkabbar is-*sales team* f'Malta kif ukoll kellha tiehu hsieb l-ufficcju f'Malta.
Ix-xhud spjegat li sa mill-bidu bdew jinnotaw sinjali li jindikaw li Nazreen kien ser ikollha kwistjonijiet ma' kollegi jew tahdem ma' haddiehor fl-istess ufficċju. Hija rreferiet ghal Matt Huddart li kien fl-ufficcju mall-Appellanti li kien jiddeskrivi lil Nazreen bhala persuna bi *split personality* fejn fi granet kienet tkun persuna fabbli li tahdem maghha u fi granet ohra tikkomporta ruhha b'mod kumbattiv tinbex ghall-argument. Ix-xhud qalet li kienu baghtu lura lil Huddart ghax hasbu li dan seta' kien *personality clash* bejniethom. Hija kompliet li llum Huddart huwa l-*Operations Manager* f'Malta.

Ix-xhud stqarret li mall-andament li l-ufficcju kien qed jikber beda jkollhom ilmenti minn persuni ohra fl-ufficcju bhal Sinclair Portelli, Andre Abela, Gabrielle Mariapia u ohrajn fis-*sales team* fejn kollha rreferew ghal Nazreen bhala r-raguni ghal fejn kienu telqu.

Ix-xhud qalet li fl-isfond ta' dan kollu kien tkellmu ma' Helen l-*HR Advisor* li kienet introduciet lil Nazreen ghall-*Management Course* li hija (l-Appellanti) attendiet u dan ghaliex bhala *management* riedu jinvestu fiha (fl-Appellanti) ghaliex rieduha tkun *an all rounded manager*.

Ix-xhud stqarret li hija ghamlet sforzi sabiex tghin lill-Appellanti iżda f'certi mumenti kienet tadotta maghha stil kumbattiv fejn ma kienetx tiehu l-kritika tajjeb fejn kienet tghid li hija kienet korretta u kull haddiehor kien hazin.

Ix-xhud li qalet li bhala Direttrici f'Malta semghet minghand Diretturi ohra li Nazreen kienet qed tkun maledukata mall-klijenti fejn kienet qed tpoġġi lill-kumpanija f'dawl hazin. Bhala eżempju, x-xhud rreferiet ghall-kaz fejn klijent Fly Victor ma baqax jaghmel *bookings* maghhom.

Ix-xhud qalet li meta Nazreen talbet sabiex jiġi mibdul il-kuntratt taghha sabiex tkun tista' tibbenefika minn *Tax Breaks*, ix-xhud stqarret li biex dan seta' jsir il-*job title* tal-Appellanti nbidel ghall-*General Manager*. Ix-xhud sostniet li huma kienu akkommodanti hafna ghat-talbiet tal-appellanti fejn anke ġiet *upgraded* il-*health care* taghha ghall-kategorija *Gold*, xi haġa li ma saret lill-ebda mpjegat f'Malta.

Meta kontro-ezaminata in persona ix-xhud qalet li hija tokkupa l-kariga ta' Direttur ma' Air Charter Scotland Europe. Hija qalet li Aslam kienet giet ingaggata mall-kumpanija bhala *Sales Manager* peress li l-persuna li kienet tokkupa dik il-kariga kienet harget fuq *maternity leave*. Hija qalet li minkejja dan l-ingagg ta' Aslam kien a bazi ta' mpjieg permanenti u l-fatt li kienet qed tirriplejsja persuna fuq *maternity leave* ma kellu x'jaqsam xejn mat-terminazzjonmi tal-impjieg taghha.

Dwar dak li fl-affidavit kienet irreferiet bhala sinjali li mhux kollox kien miexi sew fil-prestazzjoni taghha ma' kollegi, x-xhud qalet li dawn is-sinjali kienu gew osservati minn meta hija kienet ghadha fiz-zmien tal-*probation*.

Ix-xhud sahqet li Matt Huddart qatt ma kellu kwistjonijiet ta' xoghol ma' kollegi ohra. Hija qalet li minhabba s-sitwazzjoni ta' bejn Aslam u Matt kienet ittiehdet id-decizjoni li lil Matt igibuh lura UK, filwaqt li fil-konfront ta' Aslam ma kienux inhargu xi twissijiet bil-miktub.

Meta mistoqsija dwar li fl-affidavit kienet qalet li Maria Pia kienet irrizenjat mix-xoghol minhabba Aslam, ix-xhud giet mistoqsija tafx li Maria Pia kienet irrizenjat minhabba li ma kienetx qed tithallas tas-sighat zejda li kienet tahdem, ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf.

Ix-xhud qalet li taf li Aslam kienet hadet sehem f'kors ta' gurnata *online* dwar *people management* u *understanding interactions with different people*. Hija qalet

li sa fejn taf hi Helen *HR Advisor* ma kienetx giet Malta ghal dan il-kors pero' setghet tikkommunika maghha bit-telefon jew *team call*.
Ix-xhud kompliet li fix-xhur ta' qabel intemm l-impjieg ta' Aslam, hija (Aslam) lanqas baqghet tkellimha.
Ix-xhud stqarret li hija ma kienetx konxja li Aslam kellha xi problemi ta' sahha mentali qabel sfat imkeccija. Hija qalet li taf li Aslam kienet talbet tlett gimghat *holiday vacation leave* izda tali talba kienet michuda.
Ix-xhud stqarret ukoll li ma tafx li f'Novembru Aslam kienet assentiet ruhha mix-xoghol minhabba *bullying* u *harrassment* u *issues* relatati mas-sahha mentali taghha.
Hija qalet li meta fl-affidavit kitbet li Fly Victor ma baqghux jahdmu maghhom minhabba Aslam, ix-xhud stqarret li kitbet dak li kien qalilha Derrek Thompson.
Ix-xhud sostniet li hija ma kientx imdahhla fid-decizjoni dwar it-terminazzjoni tal-impjieg ta' Aslam, pero' kienet taf li kien ser jigri hekk ghaliex kienu qed jahsbu sabiex l-ufficcju jigi rilokat fir-Renju Unit. Hija stqarret li kienet taf li kien sar tibdil fejn minflok li kienet ser tigi *dismissed* kienu tkellmu dwar *redundancy*. Hija sostniet li ma kienetx imdahhla f'din il-bidla fir-raguni. Hija qalet li kien zball meta sar hekk.
Filwaqt li x-xhud qalet li kienet konxja li kienu saru xi kuntatti ma' Aslam dwar kif kienet ser tigi maniggjata l-affari ta' *redundancy*, hija qalet li meta dahlu tal-*HR* u l-Avukat tal-kumpanija hija ma baqghetx aktar involuta fl-affari tat-terminazzjoni tal-impjieg.
Ix-xhud stqarret li certu dokumenti kienu gew annessi mall-affidavit mill-Avukat minkejja li per se hija ma kienetx involuta f'dak li kien fihom, pero' kienet taf li gew annessi.

**Nazreen Aslam** permezz ta' affidavit qalet li hija bdiet tahdem mas-socjeta' ntimata nhar l-1 ta' Marzu 2021 u dan fil-kariga ta' *Sales Manager Europe & Base Manager Malta*. Hija kompliet li f'Lulju 2022 hija ġiet promossa ghall-grad ta' *General Manager & Sales Manager Malta*, u dan b'kundizzjonijiet aktar favorevoli nkluż awmentar konsiderevoli fis-salarju taghha.
Hija sostniet li matul dan iz-zmien hija hadmet b'dedikazzjoni u ġiet imfahhra ghal dan minn Derek Thomson il-*Line Manager* taghha.
Ix-xhud qalet li mall-andament hija bdiet tiġi eskluża minn ċerta nformazzjoni li kienet tehtieg sabiex taghmel xogholha sew u tat eżempji ta' dan. Hija qalet ukoll li nnutat li ċertu benefiċċji li kienu parti mill-kuntratt tax-xoghol taghha bhal *Company Pension Scheme*, *Managers Bonus Scheme* u *Life Assurance Policy* ma kienetx qed tgawdi minnhom.
Ix-xhud qalet li kaġun ta' dan kellha effetti fuq is-sahha mentali taghha fejn f'Novembru 2022 gharrfet b'dan lill-*HR*, fejn anke kellha laqgha dwar dan nhar it-13 ta' Jannar 2023 fejn spjegat il-mod kif kienet qed tiġi trattata hazin, iżda l-laqgha ġibdet lejn direzzjoni ohra fejn hija (x-xhud) ġiet mistoqsija tikkunsidrax

li tiġi rilokata ghaliex il-kumpanija kienet qed tikkonsidra iċċaqlaq is-*Sales Function* lura lejn Glasgow.

Ix-xhud kompliet li nhar l-24 ta' Jannar 2023, kellha laqgha ma' Alisdair MacInnes membru fl-*HR* u Derek Thompson fejn ġiet mgharrfa li l-irwol taghha gie *Redundant* b'effett immedjat. Hija sostniet li dwar dan ma nghatat xejn bil-miktub ghajr li qablet li tmur l-ghada xoghol u tiffirma '*severance package'*.
Hija stqarret li wara din il-laqgha hija ġiet akkumpanjata minn MacInnes sabiex tohrog barra mill-*premises*, fejn intqal lilha sabiex l-ghada tirritorna l-apparat lura u tinghata dettalji dwar it-terminazzjoni tal-impjieg taghha bil-miktub ġaladarba taqbel mas-*severance package* offrut.
Ix-xhud qalet li wara l-laqgha meta marret lura ghal-lok fejn kienet tahdem sabet li hija giet *locked-out* mill-*Emails* tax-xoghol, u ntqal lilha minn Alisdair sabiex twarrab mill-*work space* taghha u hekk ghamlet. Hija tenniet li f'dak l-istant talbitu sabiex tinghata ittra ta' terminazzjoni, izda huwa beda jinjoraha. Hija stqarret li dwar dan hija ghandha filmat li juri dan kollu. Hija stqarret li l-filmat ghamlitu sabiex ma tigiex akkuzata li hija abbandunat mir-responsabilitajiet lavorattivi taghha, ma jkunx hemm xi akkuzi fil-konfront taghha u jew mizinterpretazzjoni ta' kif sehhew l-affarijiet. Ix-xhud tenniet li l-laqgha tal-24/01/2023 suppost li kellha issir sabiex tkun diskussa ir-rilokazzjoni taghha gewwa l-Iskozja kif kien gie maqbul fil-laqgha ta' medjazzjoni li kienet saret gewwa London Luton Airport, izda minflok spiccat laqgha dwar it-terminazzjoni tal-impjieg taghha. Ix-xhud qalet li aktar tard dakinhar kellha diskussjoni mall-avukat tal-kumpanija Dr. Katrina Abela, Alisdair Macinnes u Rappreżentant tal-Union, fejn gie maqbul li sal-25 ta' Jannar 2023, MacInnes jibghat bil-miktub dettalji dwar ir-*Redundancy* u s-*severance package*.
Hija stqarret li sa dakinhar ma rċeviet xejn bil-miktub u sabiex ma tkunx akkużata li żammet ghandha apparat tal-kumpanija halliet l-affarijiet fl-ufficcju tal-avukat taghha li gew miġbura minn Dr. Abela. Dakinhar Dr. Abela nfurmat lill-avukat taghha (tax-xhud) li t-terminazzjoni tal-impjieg ma kienx aktar minhabba *Redundancy*. Hija sostniet li l-kumpanija ma kienux kapaċi jaghtuha r-ragunijiet ghaliex tkeċċiet jew jaghtu lilha u l-Union taghha l-opportunita' jifhmu fuq xhiex kienet bażata r-raguni tat-temm tal-impjieg taghha.
Ix-xhud kompliet li fit-30 ta' Jannar 2023 intavolat *Subject Access Request* sabiex tinghata kopja ta' dokumenti relatati maghha fejn wara diversi attentati fl-1 ta' Frar 2023 inghatat kopja tat-*termination letter*, fejn ġiet mgharrfa li l-impjieg taghha kien qed jiġi terminat b'effett immedjat u fejn bhala raġuni xejn cara b'mod ġeneriku kien elenkat li dan kien minhabba '*behavioural, and other issues encountered and your failure to provide us with a justification for the manner in which you have chosen to conduct yourself'*. F'din il-korrispondenza hija ġiet mgharrfa wkoll li hija ser tirċievi l-pagamenti dovuti lilha aktar il-quddiem, minghajr dettalji ta' tali pagamenti minkejja li ppruvat iġgibhom.

Hija qalet li wara li sar kuntatt ma' Sandro Vella Segretarju tal-GWU hija rċeviet kopja tat-*Termination* minghand Jobsplus fejn kien indikat li hija rrizenjat mix-xoghol, u kaġun t'hekk tilfet id-dritt li tikseb benefiċċju tal-qaghad.
Hija qalet ukoll li rreferiet il-kaz taghha mall-NEA bil-ghan li tiġi ttrattata t-terminazzjoni tal-impjieg taghha.
Hija sostniet ukoll li f'okkazjonijiet varji, il-Kumpanija kienet qed taqsam informazzjoni privata u sensittiva taghha ma' terzi u dan bi ksur tal-*GDPR*, fejn anke l-*Information Commissioner's Office* kkonferma dan f'Awwissu 2023.
Dwar ir-*recording* tal-laqgha tat-23 ta' Jannar 2023 li saret bejnha u bejn il-*Managemnent*, liema *recording* gie pprezentat quddiem dan it-Tribunal, l-Appellanti stqarret li hija kienet ghamlet tali *recording* minghajr ma kienet avvizat lil dawk prezenti fil-laqgha li kienu qed jigu rekordjati, izda Alistair kien jaf li hija kellha l-mobajl f'idejha. Hija sostniet li dan ghamlitu sabiex tiddefendi l-interessi taghha u ghaliex fil-fehma taghha kienet qed tigi mcahhda minn drittijiet umani taghha.
Ix-xhud tenniet li meta f'dik il-laqgha giet infurmatha li l-impjieg taghha kien qed jigi mitmum, hija stqarret li kienet irrifjutat li titlaq il-barra mill-ufficcju qabel tinghata *termination letter* u dan sabiex ma tesponiex ruhha bhala li abbandunat il-post tax-xogħol taghha.
Hija qalet li l-laqgha riferuta kienet bdiet ghal xi 12.00 u baqghet fl-ufficcju sa bejn it-15.30-16.00 sakemm giet l-Avv. Katrina Abela.
Ix-xhud sahqet li hija kienet giet zgwidata dwar is-suggett tal-laqgha riferuta ghaliex hija kienet inghatat l-intendere li l-laqgha kienet ser tkun dwar *business development*, izda rrizulta li kienet dwar li l-posizzjoni taghha kienet ser tigi *redundant* u kien f'dak il-kuntest li hija qalet li l-kumpanija ma mxietx skond il-ligi.
Ix-xhud stqarret li dwar it-talba li kienet ghamlet lil Ms. Jasmine sabiex it-titlu tal-posizzjoni taghha jinbidel ghall-*General Manager*, tali talba saret parti minhabba l-*career development* taghha u parti sabiex tkun tista' tibbenifika minn *Tax Scheme*. Hija stqarret li tali talba parzjalment kienet giet injorata u qatt ma giet esegwita u dan ghaliex filwaqt li t-titlu gie mibdul, il-beneficcji li kienet giet mitkellma abbinati ma' din il-bidla qatt ma nghatawlha.
Dwar li Ms. Purewall kienet cahdet lill-kollegi mill-*HR Dept* sabiex jigu Malta jassistuha (lill-Appellanti), hija ghamlet referenza ghall-*Text Message* fejn Helen Mackie tghid li z-zjara taghha f'Malta kient giet imblukkata min Ms. Jasmine.
Hija rrakkontat ezempji ta' fejn kienet qed thossha eskluza minn certu laqghat bhal li tittrenja mpjegati godda gewwa Glasgow fejn giet michuda milli taghmel dan. Hija stqarret li tali lmenti ghamlithom mall-*Management* bil-kitba.
Ix-xhud spjegat li b'mod generali kienet tmur tajjeb mall-*istaff* taghha u fejn kien hemm xi *issues* personali ma' xi ndividwu dejjem gew diskussi b'mod separat u li d-dettalji dwar tali *issues* kienu jigu dokumentati u mghoddija lil-*Line Manager* Derek Thompson.

Ix-xhud spjegat ir-ragunijiet ghalfejn kienet harget minn *Whatsapp Group* ghaliex hasset li certu affarijiet ta' natura kummercjali kellhom ikunu trasmessi f'*Email* format u mhux permezz ta' *Whtatsapp*.
Dwar talba ghal xahar *leave* f'Dicembru 2022, ix-xhud qalet li hija ma kienetx ghamlet tali talba izda kien l-*HR* li taha (lill-Appellanti) tali *leave*. Hija stqarret li kien min-naha tal-*HR* li kienet imcahhda milli tiehu *sick leave*.
Ix-xhud wara tat rendikont estensiv fejn spjegat dak li fil-fehma taghha il-*Management* kien qed ihaffef it-tluq taghha minn mall-kumpanija appena saru konxji minn xi problemi ta' sahha mentali li hija kienet ghaddejja minnhom f'dawk il-mumenti.
Ix-xhud spjegat li t-*termination form* taghha giet prezentata lill-Jobsplus 4 xhur wara t-tmiem tal-impjieg taghha u dan wara ntervent tal-Union. Hija qalet li r-raġuni li l-*management* nizzel f'dan id-dokument kienet li hija rrizenjat u meta hija kkuntatjat lill-Awtoritajiet dwar dan, ir-risposta kienet li din l-*issue* tigi ratifikata appena jkun konkluz il-kaz quddiem dan it-Tribunal.
Dwar li kien hemm xi problemi ma' xi membri ta' staff, ix-xhud identifikat lil Jack Paige u Matt Haddurt u spjegat li l-mod kif ittrattat il-kazi taghhom kien gie dirett lilha minn Mr. Thompson fejn sahansidra kien ghaddielha '*specific questions to ask them*'. Hija qalet li qatt ma ngiebet konxja li kien hemm xi lmenti minn xi mpjegati jew klijenti.
Hija qalet li hija qed isostni li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha kien ingust ghaliex fl-ahhar laqgha li hija kellha mall-*Management* kien intqal lilha li t-terminazzjoni kienet *redundancy* u wara kienu tawha ittra fejn inghad li t-terminazzjoni kienet qed issir minhabba *behaviour issues*.
Ix-xhud qalet li wara 12-il xahar, issa hija qieghda tahdem ma' kumpanija ohra. Hija qalet li matul il-perjodu li ghamlet ma tahdimx hija ghamlet numru ta' ntervisti ma' *employers* prospettivi li xi whud minnhom kienu tramite *submissions* mghoddija lilha minn Jobsplus.

**Celine McCuigan** permezz ta' affidavit bdiet billi qalet li hija ilha taf lill-Appellanti tnax-il sena bhala habiba u dan peress li t-tnejn kienu jahdmu fl-industrija tal-avjazzjoni.
Ix-xhud spjegat li nhar it-13 ta' Jannar 2023 hija kienet akkumpanjat lill-Appellanti ghal-laqgha li kienet saret fis-*Signature Terminal* tal-ajruport ta' Luton. F'din il-laqhha kien hemm preżenti Helen Mackie u Derek Thompson minn Air Charter Scotland Europe Ltd.
Hija stqarret li Mackie kienet iddeskriviet din il-laqgha bhala wahda nformali u fejn fiha l-Appellanti kienet ġiet mitluba twieġeb ghal xi assenza min-naha taghha u dwar episodji speċifiċi li hija (l-Appellanti) kellha mall-kollegi taghha b'mod partikolari dwar *bullying u harassment*.
Ix-xhud qalet li dwar l-episodji riferuti, l-Appellanti kienet wieġbet li hija kienet qajjmet dan il-punt ma' Thompson tlett darbiet, fejn irreferiet li dawn il-kazi

kienu jinvolvu żewġ impjegati Jack Paige u Michelle McMullen, li kienu impattawlha hazin fuqha u fuq is-sahha mentali taghha.

Ix-xhud kompliet li wara li l-Appellanti kienet qalet li kienet dizilluza u dizappuntata, talbet li l-irwol taghha jkun definit b'mod car b'linji ċari ta' lejn min trid tirrapporta. Ix-xhud qalet ukoll li l-Appellanti riedet tifhem ghalfejn kienet qed tiġi eskluża mill-*business* u trattata differenti mill-kollegi taghha.
Ix-xhud qalet li wara din il-laqgha dahlet f'diskussjoni li kienet tirrigwardja x-xoghol, l-Appellanti nfurmat li hija kienet lesta li tahdem ġewwa l-Iskozja u disposta li tiddiskuti ghazliet fejn talbet li dan isir f'diskussjoni separata mir-raguni ta' din il-laqgha, li kienet intiża li tkun diskussa l-assenza taghha u l-impatt li kellha fuq is-sahha mentali taghha.
Ix-xhud kompliet li Helen Mackie qablet li kellha tirranġa laqgha ta' medjazzjoni ġewwa Glasgow bejn l-Appellanti, Paige u McMullen bil-ghan li jkun hemm diskussjoni f'attentat li jkunu riżolti l-punti u fejn hija (Mackie) tiehu rwol ta' medjatur, u li wkoll dakinhar jiddiskutu l-logistika ta' '*a potential move'*.
Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li fil-konkluzjoni tal-laqgha riferuta, l-Appellanti qablet li dawn is-suggetti jigu trattati b'mohh u qalb miftuhin sabiex ikunu riżolti. Ix-xhud qalet li sa fejn taf hi l-laqgha ta' medjazzjoni qatt ma saret.

**Louis Buhagiar** (*Senior Executive JobsPlus*), beda billi ppreżenta kopji tal-*Employment History* u *Termination Form* (TF) kif preżentata mis-socjeta' ntimata li jappartjenu lill-Appellanti. Huwa spjega li t-TF kienet intbaghtet lill-JobsPlus mis-socjeta' ntimata b'mod elettroniku nhar it-03/04/2023.
Huwa spjega ukoll li r-raguni ndikata kienet '*Formal Resignation'*. Huwa kompla jispjega li peress li gie ndikat li t-tmiem tal-impjieg tal-Appellanti kienet riżenja hija rregistrat bhala disempjegata ma' JobsPlus fuq Part 2 tar-Registru. Huwa qal li ma jafx jekk l-Appellanti ghamlitx xi kuntatti ma' JobsPlus jew l-NEA dwar ir-raguni li hemm indikata. Huwa qal ukoll li d-data ndikata tat-temm tal-impjieg kienet 01/02/2023.
Huwa qal li *Employer* suppost ghandu jissottometti '*termination form'* ta' mpjegat fi żmien hamest'ijiem mid-data tat-terminazzjoni tal-imjieg, iżda fil-kaz li din tiġi tard xorta tiġi aċċettata minn JobsPlus.
Ix-xhud kompla jispjega li jekk ikun hemm xi talba minn xi parti sabiex jinbidel xi dettall fit-*termination form*, tali talba tkun trid issir fi żmien 10 granet, u trid tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni ffirmata mill-*employer* u l-impjegat.

**Sandro Vella** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa Segretarju tat-taqsima Marittima tal-GWU u li bejn it-23 ta' Jannar u 23 t'April 2023 huwa kien ta xi pariri lil Ms. Aslam.
Huwa spjega li nhar l-24/01/2023 kien ircieva Email minghand Alas Dare fejn dan kien qal lil Aslam sabiex tirritorna Credit Cards, cwievet tal-Ufficcju, Laptop, password, IPAD u Mobile Telephone u l-password.

Ix-xhud stqarr li huwa ma kienx involut f'affarijiet li wasslu ghat-terminazzjoni ta' Aslam.

Huwa qal li kien involut minn meta Aslam kienet mgharrfa li kien ser jigi mitmum l-impjieg taghha sa ma effettivament irceviet l-ittra tat-terminazzjoni. Huwa kompla li fl-1 ta' Frar 2023 huwa kien mgharraf li Aslam ma accettatx ir-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg taghha u li huwa kien spjegalha xi drittijiet kellha u x'ghandha tghid lill-Avukati taghha.
Huwa spjega li fil-bidu meta kien involut hu, d-diskors min-naha tal-kumpanija ma kienx li hija (Aslam) kienet ser tigi mkeccija, izda li hija kienet tinghata beneficcji jekk titlaq hi mill-kumpanija peress li l-posizzjoni taghha kienet ser tigi abolita. Huwa kompla li dan sakemm fl-1 ta' Frar 2023 kien gie nfurmat li hija kienet ser titkecca minhabba l-prestazzjoni taghha.
Huwa tenna li huwa qatt ma kien prezenti ghal xi laqgha, izda kienet issir komunikazzjoni kontinwa ma' Aslam u Katrina Abela l-avukat tal-kumpanija. Huwa tenna li fis-27 tax-xahar, li kien il-Gimgha kien ikkomunika ma' l-Avv. Katrina sabiex kemm jista' jkun malajr tintbaghat ittra lil Aslam fejn tkun mgharrfa li l-impjieg taghha kien ser jigi mitmum a bazi ta' *redundancy* u l-offerta bhala *severance benefit*.
Huwa qal li tramite *Emails* mibghuta minn Aslam lill-Avukat taghha Jonathan Thompson u kopja lilu fejn qaltlu li hija kienet qed tipproponi s-somma ta' €50K u li jekk din tkun rifjutata allura jaghtuha ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg u r-raguni ghal tali terminazzjoni. Huwa qal li kien fl-24 ta' Jannar 2023 meta Aslam gharrfitu li kienet ser tigi *redundant*.

**Avv. Katrina Abela** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija mpjegata mas-socjeta' ntimata bhala *General Legal Advisor* u tokkupa wkoll il-posizzjoni ta' *Company Secretary*.
Dwar x'taf li gara nhar it-23 ta' Frar 2023 hija qalet li ghal xi l-11.30 waqt li hija kienet fl-laqgha ohra f'tal-Pieta' giet imsejjha sabiex tattendi laqgha ohra gewwa Ta' Xbiex, fejn waslet ghal xi s-13.00. Hija qalet li sakemm waslet fl-ufficcju gewwa Ta' Xbiex kienet giet mgharrfa li l-impjieg tal-Appellanti kien gie mitmum. Ix-xhud stqarret li kienet taf li kien hemm xi *issues* mall-Appellanti u allura kienet konxja li bejn l-Appellanti u l-*management* kienu ghaddejjin diskussjonijiet.
Ix-xhud stqarret li hija ma kienetx taf li d-diskussjoni kienet qed tigi rekordjata sakemm kopja tar-*recording* giet ipprezentata waqt dan il-process. Hija qalet li issa saret taf bil-kontenut tar-*recording*.
Hija spegat xi punti li saret taf bihom f'dan ir-*recording* fejn iccarat fejn ma qablitx mall-verzjoni tal-Appellanti dwar certu fatti nkluz fejn hija (l-Appellanti) sostniet li ma thallietx ikollha sapport. Dwar dan, ix-xhud spjegat li kienet tkellmet b'mod telefoniku ma' Sandro Vella ufficcjal tal-*GWU* li kien qed jassisti lill-Appellanti. Hija qalet ukoll li Alisdair MacInnes tal-*HR* ma kienx jaf x'kien

qed jigri. B'referenza ghal-laqgha li kien hemm bejn il-*Management* u l-Appellanti, hija qalet li hija ma kienetx prezenti mill-bidu.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Andrew Borg Cardona** ghan-nom tas-socjeta' ntimata beda billi qal li min-naha tas-socjeta' ntimata huma tal-opinjoni li l-evidenza li pprezentaw matul il-process turi li l-atteggament lavorattiv tal-Appellanti kien jiggustifika l-azzjonijiet li saru fil-konfront taghha.
Fir-rigward tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellanti l-Avv. Borg Cardona spjega li waqt li kien qed ikun diskuss minghajr '*commitment*' bejn il-partijiet, li din tkun '*redundancy*'mill-operazzjoni f'Malta u li hi tiehu posizzjoni fl-operat gewwa l-Iskozja. Pero' kompla l-Avv. Borg Cardona dan kollu gie superat minn avvenimenti fejn gie determinat min-naha tal-kumpanija li l-komportament lavorattiv u l-attitudni taghha kienu tali li l-posizzjoni taghha saret wahda mhux tenibbli.
Huwa spjega li kieku s-sekwenza ta' kif sehhew l-affarijiet kienet bil-kontra cjoe' li l-ewwel ikun hemm proceduri dixxiplinarji u wara jinghad li t-terminazzjoni ser issir a bazi ta' *redundancy*, kien ikun ragonevoli min-naha tal-Appellanti li tghid li r-ragunijiet dixxiplinarji kienu dghajjfa.
L-Avv. Borg Cardona sahaq li dak li ntqal min-naha tal-Appellanti li l-kumpanija riedet tehles minnha ma jregiex mall-fatt li l-kumpanija assistit lill-Appellanti fl-izvilupp lavorattiv personali taghha u f'affarijiet ta' natura fiskali meta kellha bzonn.
L-Avv. Borg Cardona qal li l-komportament u l-attitudni tal-Appellanti gew minifestati matul il-laqghat u nkontri ohra li hija kellha, flimkien ma' kif hija rrikordjat b'mod klandestin ta' laqghat interni li hija hadet sehem fihom inkluz waqt dan is-smiegh quddiem it-Tribunal jesponu attitudni kumbattiva u difficli.
L-Avv. Borg Cardona sahaq li l-kumpanija mhiex xi entita' kbira bi strutturi amministrattivi elaborati, fejn proceduri ta' dixxiplina xi drabi jkunu kondotti bil-formazzjoni ta' Bord ta' Dixxiplina, izda wahda li topera b'mod kwazi komplut fuq ir-rizorsi umani li mhuwiex kbir, b'mod flessibbli u fejn tkun evitata l-kultura ta' 'dik twahhal f'dak' izda tippreferi koperazzjoni.
L-Avv. Borg Cardona ghalaq billi qal li kien dak is-sens li l-Management ha in konsiderazzjoni qabel saret it-tkeccija, fejn l-Appellanti kkontribwixxiet mhux ftit bi sfortuna ghalija sal-punt li kien gustifikat li hija jkollha l-impjieg taghha mitmum.

**Avv. Kristina Friggieri** ghan-nom tal-Appellanti bdiet billi qalet li matul dan il-process is-socjeta' ntimata naqset milli tipprova li t-terminazzjoni mill-impjieg ittrattata f'dan il-kaz saret ghal raguni valida u gusta.

L-Avv. Friggieri sahqet li matul il-process il-provi migjuba mis-socjeta' ntimata li t-terminazzjoni tal-impjieg sar minhabba '*behavioural and other issues'* kienu fjakki kemm fil-kwantita u anke fil-kwalita' fejn incitat diversi siltiet mix-xhieda b'mod partikolari ta' Derek Thompson deskritta bhala kontradittorja u inaffidabbli u ta' Jasmine Purewall li meta kontro-ezaminata hargu diversi inkonsistenzi.
Hija sahqet li jekk se mai kien hemm *behavioural issues* dawn kienu fil-konfront tal-Appellanti minn kollegi taghha.
L-Avv. Friggieri sostniet li l-laqgha li fiha l-Appellanti giet infurmatha li l-impjieg taghha kien ser ikun mitmum, kienet intiza u miftehma li kellha tkun sabiex ikun formalizzat it-temm tal-impjieg bhala *redundancy*. Dik il-laqgha ma kienetx sessjoni ta' procedura dixxiplinarja kompliet l-Avv. Friggieri.
L-Avv. Friggieri ddeskriviet is-sekwenza ta' kif giet esegwita t-terminazzjoni bhala wahda fejn is-socjeta' ntimata ppruvat issib skuza valida sabiex tiggustifika tali terminazzjoni fejn l-Appellanti f'mument kienet ser tkun '*redundant*', wara nhargitilha ittra ta' terminazzjoni minhabba '*behavioural and other issues*' u fl-ahhar giet registrata ma' Jobsplus kienet hija (l-Appellanti) li rrizenjat.
L-Avv. Friggieri ghalqet billi qalet li l-Appellanti matul l-impjieg taghha kienet suggetta ghall-ambjent tossiku li wassal sabiex tkun certifikata medikament li qieghda ssofri minn stress ikkawzat mix-xoghol.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellanti kienetx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi. Dan ghamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew sponuti mix-xhieda u dokumenti prodotti mill-partijiet.

Dan il-kaz huwa wiehed partikolari fejn jittratta r-rapport bejn kumpanija u mpjegata f'posizzjoni pjuttost gholja. Il-kazista dwar '*senior management*' m'hjiex wahda numeruza ghaliex f'bosta kazi simili jinstabu soluzzjonijiet prattici bi ftehim accettabbli ghaz-zewg partijiet.

Dan it-Tribunal iqis li rekwizit fundamentali fir-relazzjoni bejn l-impjegat u min ihaddem huwa l-impenn u l-fiducja. Dawn ir-rekwiziti jikbru aktar fl-importanza taghhom meta l-kariga tal-impjegat tkun wahda ta' certa mportanza, bhal ma kienet fil-kaz li dwaru tittratta din id-decizjoni.

Bla ebda dubju li l-livell ta' mpenn moghti min-naha tal-Appellanti kien meqjus bhala sodisfacenti tant li hija lestiet il-perjodu ta' prova minghajr problemi tant li s-socjeta' ntimata offrietilha kuntratt ta' mpjieg iehor, b'kundizzjonijiet aktar favorevoli nkluz zjieda konsiderevoli fis-salarju.

Dan jikkuntrasta mhux ftit ma' dak li Jasmine Purewal *Director* stqarret fix-xhieda taghha li '....sa mill-bidu bdew jinnotaw sinjali li jindikaw li Nazreen kien ser ikollha kwistjonijiet ma' kollegi jew tahdem ma' haddiehor fl-istess uffiċċju. Ix-xhud stqarret ukoll li hija ghamlet sforzi sabiex tghin lill-Appellanti iżda f'certi mumenti kienet tadotta maghha stil kumbattiv fejn ma kienetx tiehu l-kritika tajjeb fejn kienet tghid li hija kienet korretta u kull haddiehor kien hazin'.

U hawnhekk it-Tribunal jistaqsi: 'X'wassal lill-kumpanija li fl-inkwadratura ta' dak li xehdet Purewal, mhux biss l-Appellanti tkun konfermata fl-impjieg wara l-perjodu tal-*probation* izda gew imtejjba b'mod konsiderevoli l-kundizzjonijiet taghha?'

Li hu zgur ghal dan it-Tribunal hu li sa minn gimghat qabel ma giet effettivament fis-sehh it-terminazzjoni tal-impjieg ttrattat f'dan il-process, kien hemm indikazzjonijiet maghrufa ghaz-zewg partijiet li minhabba ragunijiet varji l-posizzjoni tal-Appellanti gewwa Malta xejn ma kienet stabbli.

Derek Thompson il-*Line Manager* tal-Appellanti xehed li huwa flimkien ma' Helen Mackie kien '....ha sehem fl-laqgha ta' medjazzjoni maghha sabiex ikunu riżolti d-differenzi iżda sfortunatament kien gie konkluż li jkun fl-interess tal-kumpanija li hija ma tkunx parti mill-futur tal-kumpanija. Huwa sostna li l-Appellanti kienet indikatlu telefonikament li kienet lesta li titlaq'.

Quddiem dan it-Tribunal intqal li l-ewwel kien hemm indikazzjonijiet li l-Appellanti possibilment tigi *deployed* mall-kumpanija stess gewwa l-Iskozja, wara hija giet mgharrfa li kienet ser tigi *redundant* tant li bdew diskussjonijiet dwar '*severance payment'*, sakemm fl-ahhar inharget l-ittra fejn l-Appellanti giet mgharrfa bil-kitba li l-impjieg taghha ser ikun mitmum minhabba '*behavioural and other issues'*.

Fix-xhieda taghha Purewal stqarret li kienet taf li kien sar tibdil fejn minflok li kienet ser tigi *dismissed* kienu tkellmu dwar *redundancy*. Hija sostnit li ma kienetx imdahhla f'din il-bidla fir-raguni. Hija qalet li kien zball meta sar hekk. Filwaqt li x-xhud qalet li kienet konxja li kienu saru xi kuntatti ma' Aslam dwar kif kienet ser tigi maniggjata l-affari ta' *redundancy*, hija qalet li meta dahlu tal-*HR* u l-Avukat tal-kumpanija hija ma baqghetx aktar involuta fl-affari tat-terminazzjoni tal-impjieg.

Fl-isfond ta' dan it-tibdil fil-modalita ta' kif kellha ssehh it-terminazzjoni u anke fl-isfond ta' dak li xehed Derek Thompson fejn qal: '...sfortunatament kien gie konkluż li jkun fl-interess tal-kumpanija li hija ma tkunx parti mill-futur tal-kumpanija', u anke fl-isfond tal-fatt li l-kumpanija damet 4 xhur shah sabiex tissottometti t-*termination form* tal-Appellanti ma' Jobsplus fejn din id-darba t-terminazzjoni giet indikata bhala li rrizenjat hi meta dan zgur ma kienx il-kaz,

jindika b'mod car li min-naha tal-kumpanija l-impjieg tal-Appellanti taht xi raguni jew ohra kellu jigi mitmum.

Dwar dak li gie mnizzel fit-*termination letter* fejn jintqal li l-impjieg kien qed jigi mitmum b'mod sommarju '*with specific reference to the behavioural and other issues encountered*', dan it-Tribunal jifhem li f'kumpanija fejn in-numru ta' mpjegati jkun wiehed zghir bhal ma kien f'dan il-kaz, ma jkunx kostitwit Bord ta' Dixxiplina veru u propju, sabiex jiddelibera mill-akkuzi migjuba kontra l-impjegat, pero' m'huwiex skuzabbli li ragunijiet tant serji (skond il-*Management*) li wasslu ghal tkeccija ma kellhomx jigu spjegati b'mod elaborat lill-Appellanti sabiex din tkun taf b'mod car ghalxiex kienet qed tigi mkeccija, u fejn ikollha mqar cans tirrispondi ghal tali akkuzi.

Dan it-Tribunal jifhem ukoll li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn *Management* ikun kostrett u gustifikat li jkecci mpjegat b'mod sommarju, izda ma jarax li dan kien xieraq fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fejn fl-ittra tat-terminazzjoni hemm indikat li '*your employment is being terminated summarily for cause with immediate effect*'.

Dan it-Tribunal jaghraf illi fil-kuntratt tax-xoghol u cjoe' dak tal-31 ta' Lulju 2022 u propju fil-paragrafu ntitolat *Termination Clause* hemm li: '*The parties may terminate employment by giving notice of three months in writing'*. Jaghraf ukoll illi din il-klawsola ma tindika l-ebda cirkostanza fejn dan l-obbligu ma japplikax. Tali *notice* ma nghatax ghaliex l-impjieg tal-Appellanti gie mitmum b'mod sommarju min-naha tal-*Management*.

Skond informazzjoni kif prezentata minn Jobsplus lil dan it-Tribunal hemm indikat li l-Appellanti damet fl-impjieg mas-socjeta' ntimata ftit anqas minn sentejn u cjoe' bejn l-1 ta' Marzu 2021 u l-1ta' Frar 2023.

L-istess informazzjoni tindika wkoll li minkejja li bejn it-terminazzjoni tal-impjieg minn mas-socjeta' ntimata u l-impjieg gdid kienu ghaddew 15-il xahar, l-Appellanti rregistrat ruhha mall-istess Jobsplus bhala li qed tfittex xoghol ghal tmintax-il gurnata biss, cjoe' bejn il-15 ta' Gunju u s-7 ta' Lulju 2023 u bejn it-18 u d-29 ta' Jannar 2024.

L-istess informazzjoni kif prezentata minn Jobsplus tindika wkoll li f'Lulju 2023, l-Appellanti giet offruta opportunita' ta' xoghol ma' ARMS Ltd bhala '*agent*', fejn hija lanqas biss baghtet is-*C.V.* taghha sabiex tkun tista' tigi kkunsidrata ghall-impjieg.

**Decizjoni**

Tenut kont tal-mod kif gew pprezentati l-fatti f'dan il-process, dan it-Tribunal, ma jhossx bhala accettabbli l-mod komparattivament facli li bih giet mitmuma l-esperjenza lavorattiva bejn l-Appellanti u s-socjeta' ntimata.

F'dan l-isfond, it-Tribunal jiddikjara t-temm ta' l-impieg in kwistjoni bhala wiehed ingust u jordna kumpens totali pagabbli fis-somma ta' **€31,286.02** li ghandha tithallas lill-Appellanti mis-socjeta' ntimata fi zmien tmien gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

**€15,143.01** minnhom, ekwivalenti daqs tlett xhur salarju li hija kellha meta kienet tahdem mall-kumpanija, wara li gie meqjus it-tul tas-servizz lavorattiv tal-Appellanti mall-kumpanija cjoe' ta' ftit anqas minn sentejn, u l-perjodu li hija ghamlet tirregistra ghax-xoghol ma' Jobsplus u cjoe' ta' anqas minn xahar.

**€15,143.01** ohra, wkoll ekwivalenti daqs tlett xhur salarju, kif hemm stipulat fil-kuntratt tax-xoghol fil-paragrafu *Termination Clause* fejn hemm indikat li f'kaz ta' terminazzjoni irid jinghata *notice* ta' 3 xhur.

Ir-rimanenti **€1,000** huma bhala danni morali ghall-mod kwazi umiljanti ta' kif sehhet b'mod sommarju t-terminazzjoni tal-impjieg ta' l-Appellanti.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Għas-Segretarju**